A.L. 40 ta' l-1994

ORDINANZA DWAR SELF LOKALI ("STOCK" U TITOLI REĠISTRATI) (KAP. 161)

Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi, għall-Ħruġ ta' Lm18,700,000 6.7% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2004

(L-EWWEL ĦRUĠ)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu 4(1)(a) ta' l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), Kap. 161, il-Ministru tal-Finanzi awtorizza il-ħruġ ta' Lm18,700,000 6.7% *Stock* tal-Gvern ta' Malta kif ġej:—

Mod tal-ħruġ ta' l-i*Stock*.

1. L-i*Stock* jinħareġ bil-prezz ta' Lm100 fil-mija u jingħata fuq applikazzjoni f'ammonti li jidħlu eżatt bil-100. L-applikazzjonijiet għall-għoti ta' l-i*Stock* jiftħu t-Tnejn, 4 ta' April, 1994, fid-9 a.m. u jagħlqu f'nofs in-nhar ta' nhar is-Sibt, 23 ta' April, 1994 jew qabel fid-diskrezzjoni ta' l-*Accountant General*.

Policy dwar l-għoti ta' l-i*Stock*.

2. L-għoti ta' l-i*Stock* jingħata lil min japplika l-ewwel, iżda tingħata preferenza lill-applikanti li m'humiex istituzzjonijiet bankarji.

Negozju fil-Borża ta' Malta.

Kap. 345.

3. Issir applikazzjoni sabiex l-i*Stock* jitpoġġa fuq il-lista uffiċjali w in-negozju tal-Borża ta' Malta skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Borża ta' Malta meta dan l-i*Stock* jitħallas kollu.

Somma ta' flus li għandha tingħabar

4. Is-somma ta' flus li għandha tingħabar bl-i*Stock* tkun ta' Lm18,700,000.

Rata ta' imgħax u dati tal-ħlas.

5. L-imgħax għandu jitħallas b'lura kull sitt xhur fit-23 ta' April u fit-23 ta' Ottubru ta' kull sena matul il-kors ta' l-i*Stock* . L-ewwel ħlas għall-perijodu bejn l-24 ta' April, 1994 u t-23 ta' Ottubru, 1994, għandu jsir fit-23 ta' Ottubru, 1994.

Rata ta' kontribuzzjoni għall-ammortizzament.

6. Approprjazzjoni kull sena ta' mhux anqas minn Lm374,000 mid-Dħul Ġenerali u mill-Attiv tal-Gvern ta' Malta għandha ssir bħala kontribuzzjoni għall-Fond ta' Ammortizzament sabiex jinfeda l-i*Stock*. L-ewwel kontribuzzjoni għandha ssir matul is-sena 1996.

Fidwa ta' *Stock*.

7. L-i*Stock* għandu jinfeda bir-rata ta' Lm100 għal kull Lm100 *Stock* fit-23 ta' April, 2004.